# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2016

Talba Numru: 38/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 31

**Percius Services Limited (C20760)**

**vs**

**Kurt Galea Pace (KI 0243667M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf, mitejn u hames ewro u sitta u tmenin centezmu (€1,205.86c) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' kiri ta' karozzi mikrija lill-intimat fuq talba tieghu stess. Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-fatturi sal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Alexander Fenech ghan-nom tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu kkonferma li l-ammont ghadu dovut. u ma tħallasx lanqas in parte mid-data tal-prezentata tal-Avviz.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi is-somma ta' elf mitejn u hames ewro u sitta u tmenin centezmu (€1205.86c) bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**